MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' April, 2003

Appell Kriminali Numru. 253/2002

Il-Pulizija
(Spettur AP Miruzzi)
Vs
Carmel Aquilina

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli ghan-nom u in rappresentanza ta’ Industrial House of Knight Limited u bhala persuna registrata mal-Kummissarju ta’ t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, naqas li jikkonforma ruhu mas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 9 ta’ Jannar, 2001 u moghtija fil-konfront tieghu inkwantu li naqas kif ordnat fl-imsemmija sentenza li fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza jikkonforma ruhu mal-ligi w fin-nuqqas jehel multa ta’ sitt (6) Liri Maltin ghal

kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 t'Ottubru, 2002, li biha wara li rat l-artikolu 76 ta' l-Att XXIII ta' l-1998 sabet lill-imputat hati ta' l-akkuza kif dedotta u kkundannatu ghall-penali ta' LM2,892 (elfejn, tmien mija w tnejn u disghin) Liri Maltin multa, rapprezentanti l-perjodu bejn l-10 ta' Marzu 2001 sal-4 ta' Lulju 2002 salv kull penali ghal nuqqas ulterjuri.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 t'Ottubru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza jew alternattivament illi tvarja l-imsemmija sentenza fl-ammont ta' penali illi l-istess umli appellant gie kkundannat illi jhallas mill-Ewwel Qorti a tenur tas-sentenza appellata.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fil-qosor fis-segwenti w cioe' li l-Ewwel Qorti fis-sentenza appelata kkoncediet lill-appellant terminu perentorju ta' xaharejn sabiex jottempera ruhu , meta l-ligi tipprefiggi massimu ta' tlitt xhur u kkundannatu ghall-hlas ta' penali ta' LM6 kulljum meta l-ligi tistabilixxi minimu ta' LM2 u massimu ta' Lm10 kulljum , li hija sentenza standard li l-Ewwel Qorti tapplika ma kullhadd , indipendentement mic-cirkostanzi w l-fattispecji tal-kaz. Inoltre LM6 kulljum kalkolati bejn l-10 ta' Marzu, 2001 sal-4 ta' Lulju, 2002, jammontaw ghas-somma ta' LM2880 u mhux LM2892, kif gie effettivament kundannat l-appelant. Illi inoltre bix-xiehda ta' James Farrugia ma saritx il-prova tal-identita' .

Fliet l-atti kollha processwali ;

Rat l-Ordni Taghha tas-16 ta' Jannar, 2003, li biha gew sfilzati d-dokumenti A sa F (Fol-.19 sa 24 tal-process) ;

Semghet ix-xiehda mill-gdid ta' James Farrugia fis-seduta tas-16 ta' Jannar, 2003;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur fil-kors tal-istess seduta;

Illi ser jigi trattat it-tielet aggravvju l-ewwel ghax ovvjament jekk dan kellu jirrizulta gustifikat , din il-Qorti ma jkollhiex ghalfejn tidhol fl-aggravji l-ohra. Illi mix-xiehda ta’ James Farrugia, mhux kontradetta, jidher assodat li l-appellant kien gie minnu identifikat bhala l-persuna li naqset li tikkonforma mas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Jannar, 2001 , li vera kopja taghha tinsab esebita a fol. 10 tal-process. Dan ghaliex hu kien involva ruhu personalment f’dan il-kaz billi kien kellem lit-tifla tal-appellant u ipprova jikkonvinciha biex missierha l-appellant jottempera ruhu mal-ligi w jhallas . Ghalhekk it-tielet aggravju jidher manifestament infondat u del resto d-difensur ma nsistiex fuqu fil-kors tat-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti.

Illi hu ukoll infondat l-ewwel aggravju li ghax l-Ewwel Qorti tat sentenza fejn akkordat zmien ta’ xaharejn biex l-appellant jottempera ruhu flok massimu ta’ tlitt xhur u mponiet penali ta’ Lm6 multa kulljum fin-nuqqas , KIF TAGHMEL MA KULLHADD, allura rrikorriet ghal “gustizzja tal-produzzjoni tal-massa” u “gustizzja industrializzata li ma tissarrafx f’gustizzja reali mall-akkuzat” . Apparti li dan il-kliem hu ferm censurabbli w ma jaghmilx gieh lid-difensur tal-appellant li uzah u ghalhekk din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 994 (4) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta rezi applikabbli ghall-Qrati Kriminali bl-artikolu 686 tal-Kap.9 , qed tordna il-kancellament tieghu mir-rikors tal-appell , bil-fatt li l-Ewwel Qorti timxi bl-istess kejl ma kullhadd f’materja ta’ sanzjonijiet ghall-ksur ta’ ligi fiskali , ghal kuntrarju taghti xhieda ta’ mparzjalita’ u mhux ma wiehed timxi b’mod u ma haddiehor timxi b’mod iehor. Dan zgur li ma jistax jaghti lok ghall-aggravju serju kontra s-sentenza appellata , anzi, se mai, jaghti certifikat ghall-oggettivita’ li timxi biha l-Ewwel Qorti. Terga w tghid il-penali hija ezatt erba liri LM4 aktar mill-minimu w Lm4 inqas mill-massimu u cioe’ fit-triq tan-nofs tal-margini diskrezzjonali li kellha l-Ewwel Qorti . Ghalhekk taht ebda aspett din il-Qorti ma ghandha ghalfejn tvarja r-rata tal-

penali giornaliera, billi din la tohrog mill-parametri legali w lanqas tidher manifestament esagerata.

Illi dwar it-tieni aggravju, dwar il-kalkolu matematiku li sar mill-Ewwel Qorti fir-rigward tal-komputazzjoni tal-penali, jidher li bejn l-10 ta' Marzu, 2001 u l-4 ta' Lulju, 2002, iz-zewg dati nkluzi, kien hemm erba mija w wiehed u tmenin (481) jum li kalkolati bis-sitt liri kulljum, jammontaw ghal elfejn tmin mija w sitta w tmenin lira Maltin (Lm2886) u mhux LM2892 kif hemm fis-sentenza appellata u lanqas LM2880 kif kalkolat fir-rikors tal-appell . Ghalhekk dan l-aggravju hu biss in parte gustifikat.

Ghalhekk, din il-Qorti qed tilqa l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokha fejn ikkundannat lill-appellant li jhallas il-penali ta' elfejn, tmin mija w tnejn u disghin lira Maltin (LM2892) u minnflok tikkundannah ihallas penali ta' elfejn, tmin mija w sitta w tmenin lira Maltin (LM2886) u billi tikkonfermha mill-bqija fl-intjerezza taghha.

--------------------------------TMIEM--------------------------------